# IL-VERA DEVOZZJONI LEJN IN-NAZZJON

Ta’ Frank Duff

Pubblikazzjoni tal-Legjun ta’ Marija
Irlanda

Maqlub għall-Malti minn Alfred Vella

Introduzzjoni
L-Ispiritwali u l-Materjali
X'inhu l-Patrijottiżmu Veru?
L-Ebda Idealiżmu Nazzjonali
Eżempju tal-Komuniżmu
Niehdu Eżempju
Turiżmu
Konklużjoni

Noti:

Dan il-ktejjeb gie maqlub ghal– Malti min Alfred Vella, (ritratt) legjunarju mill-Mellieha. Alfred mar ghall-hajja ta' dejjem nhar it– 8 ta' Settembru 2020.

Hajr wkoll lis-Sur Godfrey Scicluna ghall-qari tal-provi.

**Introduzzjoni**

Kienet is-sena 1958. Saret l-ewwel konferenza dwar "Il-Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon" fil-post fejn il-Legjun kellu l-bidu tieghu f'Myra House Francis Street f'Dublin.

Ghall-ewwel kien hemm bhal stmerrija ghal dan il-hsieb. Hafna kienu bhal thawdu, irrabjaw, hassew li kien hemm bhal theddida ghall-hajja tal-ghażiża Socjetà; li dawk l-ideat li kienu ta' unur kienu qeghdin jinxtehtu l-bahar u li rivoluzzjoni xejn gustifikata kienet qieghda tinhema kontra l-Legjun. Sa certu punt, din il-biza' bdiet tghib iktar ma kien qed joqrob it-tmiem tal-Konferenza. F'certi mhuh il-hsieb baqa' jitkaxkar. Iżda llum, fejn fil-Legjun, ghad hemm xi sinjal ta' nuqqas ta' qbil dwar dan?

Meta l-hajja qieghda hekk tikber u ssib ftuh f'kemm-il settur, edukattiv, sportiv, rikreattiv, u ta' sahha, wiehed jistenna sitwazzjonijiet bhal dawn. Ideat godda li jsibu posthom u jiżviluppaw, joholqu dejjem ansjetà. Imbaghad semplicement isibu posthom, u jidhru jimlew vojt li hadd ma jkun rah. Żgur li hemm fil-Legjun il-principju ta' tkabbir ordnat, mhux kif irridu ahna, li jmissna u jqawwina ghax ifakkarna fl-attenzjoni tal-qawwa materna. Il-Legjun ha l-hajja tieghu fil-kamra ta' fuq, fit-tarf tas-sala fejn ahna ninsabu migbura. L-istess statwa tal-Vergni Mbierka li sebbhet l-ewwel laqgha kienet qieghda quddiemna. L-ewwel bikja tat-tarbija kienet dikjarazzjoni ta' dipendenza fuq l-Omm Imbierka. Minn dak il-mument l-attitudni lejha kienet wahda li ggieghlek tittendi biha, u f'ghamla li nifdet il-futur.

F'Gunju 1921 il-Papa Benedittu XV kien iddikjara l-Festa u l-Ufficcju tal-Madonna, Medjatrici tal-Grazzji Kollha. Hi haga meraviljuża li ftit xhur wara, il-Legjun, li kien ghadu tarbija, kien qed jikber fuq dik id-duttrina u b' komprensjoni ammirabbli. Huwa każ reali fejn il-papra tkun dahlet fl-ilma u sabet ruhha fl-ambjent taghha. F'dik l-ewwel laqgha ma kinetx użata l-kelma 'Medjatrici' u dan sakemm il-legjonarji saru jafu li l-Papa ghamilha Festa. Iżda mill-ewwel mument kien hemm go fihom dik l-essenza taghha. Huma fehmuha b'mod perfett u li jesprimuha fil-mod prattiku. Minn dan l-gharfien harget l-iskema Legjunarja.

Waqt li qeghdin jippruvaw jifhmu l-Madonna, id-duttrina tal-Gisem Mistiku giet mifhumha sewwa. Imbaghad b'din id-duttrina tal-Gisem Mistiku intefa' dawl fuq in-natura tal-Knisja Kattolika, il-bażi vera tal-appostolat, il-funzjoni tas-sistema Sagramentali u t-talb. Dawn l-ingredjenti flimkien jaghmlu dak li ahna nsejhu l-hajja tal-Legjun.

Marija, ommna, ghadha żżomm dak il-tessut Legjunarju li jisahhah jew jidghajjef skont kemm il-Legjun japprezzaha. Il-Legjun dejjem fehem li din mhix biss devozzjoni fil-Knisja, imma parti essenzjali mill-Kristjaneżmu nnifsu, marbuta mas-Sinjur taghna, maghmula minnu biex tkun mezz ta' grazzja gejja minnu. Jista' jinghad li d-digriet *De Ecclesia* huwa l-ewwel sforz min-naha tal-Knisja biex issir Kostitutuzzjoni ghaliha innifisha li toffri qbil ma' dawk l-aspetti kollha li l-Legjun ghandu fl-attitudini tieghu.

Halli nsemmi wiehed jew tnejn minn dawn id-dettalji. Wiehed huwa li Marija ghandha tigi mghallma lid-dinja: li l-Kattolici ghandhom jifhmu l-bżonn kbir tas-sehem matern taghha. Meta jifhmu dan kollu ghandhom jistqarruh u jghadduh lil dawk kollha barra l-Knisja ghax dawn huma wkoll uliedha, forsi separati iżda dejjem huma wlied mahbuba li ghalihom hija Omm. Dan huwa hsieb li minn dejjem konna nwasslu. Gej minn Iljun XIII ghalkemm wiehed jahsbu idea tal-Legjun. Illum hu mwassal mill-Knisja bhala parti mid-Duttrina Kattolika.

Hsieb iehor li wiehed jahseb li hareg mill-Legjun u issa hu accettat huwa li Marija hija r-Regina tal-Appostli, fis-sens li l-appostolat jiddependi minnha u ghalhekk dik il-koperazzjoni min-naha taghha fil-hidma tal-erwieh, inkluż ma' dawk barra mill-Knisja, trid min jirrikorri ghaliha. Is-success jiddependi fuq din il-kooperazzjoni li hija taghti meta tkun mitluba.

**L-Ispiritwali u l-Materjali**

Billi ghandha dak is-sehem specjali fil-fidi Nisranija, Marija hija c-cavetta ghall-problema ta' llum: Il-Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon. Fil-mistiku Nazaret ghadu l-każ ta' Marija tiehu hsieb lil Binha. Ma jimpurtahiex biss li titimghu u tiżviluppalu mohhu. Attenta hafna ghal kull aspett tal-hajja tieghu, fil-fiżiku tieghu, fil-kumdità, fir-rikreazzjoni, u dak kollu fl-ambjent tieghu u dak kollu li jmiss il-hajja tal-individwu. Hija tara n-nies kollha fih. Tara lil hajtu fil-milja taghha kollha. Mhux accettabbli li jkun milqut f'xi haga. Cert li tixtieq twitti dak kollu li mhux sew. U din hi l-bażi tal-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon.**

Naturalment hemm dak li jigi l-ewwel. L-iktar essenzjali huwa dak spiritwali, il-hwejjeg Divini. Iżda l-gisem huwa maghgun sewwa mar-ruh, l-affarijiet materjali ma' dawk spiritwali; haga teffettwa lill-ohra. Mhux sewwa ghalina li jkun jimpurtana mir-ruh biss tal-persuna. L-imhabba mhix daqshekk ristretta. Inti thobb il-persuna shiha u tixtieq taqdih b'kull mod. Li titkellem dwar ir-religjon ma' persuna u fl-istess hin ma jimpurtakx mill-istat miseru tieghu, tkun tidher li hadt pożizzjoni xejn sabiha. Omm naturali żgur li ma taghmilx hekk ma' binha, u iktar u iktar Marija mal-wild mistiku taghha. Ahna mistennija nkunu l-agenti ta' Marija, niehdu hsieb lil binha, haga wahda ma' hsibijietha. Irridu nkunu bhas-Sinjura taghna ghall-komunità.

Iżda ninsisti li m'hemmx xi abbandun ghall-iskema tradizzjonali taghna. Il-programm spiritwali taghna ghadu hemm, anzi b'aktar forza. Ma tnaqqas xejn mir-regola taghna dwar l-ghoti ta' karità materjali. Anzi ahna nhossuna sodi dwar dan. Nemmnu li huwa sur ta' kenn kontra l-umanizmu li ha hafna mill-appostolat Kattoliku. Hafna minn dan l-appostolat tal-lum huwa biss materjali b'laqta spiritwali moghtija lilu. Meta hawn biżżejjed agenziji li jipprovdu ghajnuna materjali, huwa vitali ghal-Legjun li jibqa' kostanti fl-ghan tieghu li nfittxu l-ewwel is-Saltna ta' Alla. Il-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon** jipprova jaghmel dan u wara jilhaq l-'affarijiet l-ohra'. L-ordni tal-valuri hi essenzjali. Il-mottiv ghandu jkun l-ispirtwali. It-tendenza bhalissa hi li jithalla barra dan il-mottiv u jgieghel in-nies jghixu hajja sekulari u teknika. Dan xejn

ma jaqbel mal-ħajja Nisranija u għandna nagħmlu minn kollox biex inżommu veru bilanċ.

L-għajnuna materjali trid tkun interpretata sewwa. Ma tinkludix l-għoti ta' servizz lill-individwu u lill-komunità li jagħmlu l-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon.** Għalkemm l-akbar ħsieb tagħna hu l-ispirtwali, ma għandniex inħarsu lejh b'mod magħluq, għax dak l-ispirtwal jikkonċerna l-ħajja kollha. Il-ħajja kollha ġejja minnu u taqdi lilu. Kieku kellna naraw x'jiġi l-ewwel u t-tieni, dan m'għandux iwassal biex ninjoraw xi wieħed minnhom. Jekk qed naraw l-aspetti sekondarji fil-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon** dan ma għandux inaqqas mill-aspett primarju. Lanqas għal mument wieħed ma għandna nitilfu l-ħarsa minn fuq ir-ruħ. Hu r-ruħ li qed nindirizzaw permezz tal-mezzi li qed nużaw u f'kull wieħed għandna naraw lieva li terfa' l-fidi biex tippromovi l-ġid morali.

Il-viżjoni ta' Marija irridu nagħmluha b'tagħna. Kemm meta kienet taqdi lil Ġesù nnifsu u kemm f'dak is-servizz tad-dar, dejjem kellha quddiem għajnejha l-interess tat-Trinità Mqaddsa. Għalhekk f'kull okkażjoni meta aħna fid-dubju, naħsbu fiha, naraw kif kienet iġġib ruħha u tagħtina l-aħjar direzzjoni. Il-leġjunarju għandu jara lil Ġesù fil-proxxmu, li hu l-umanità kollha, imbagħad jaqdih b'kull mod, juża kull mezz biex imexxi lin-nies fil-livell proprju tar-reliġjon. Hawn wisq Kattoliċiżmu komuni tal-wiċċ. Ma rridx ngħid li huwa nieqes minn sinċerità iżda ma jmurx fil-fond biżżejjed biex ibiddel dik il-ħajja ordinarja. F'dan il-proċess ta' Kristjaneżmu għandu jkun hemm dak li jagħmel l-ambjent ta' dak li jkun iktar feliċi, iktar sinjur, iktar sabiħ, iktar li jdawwal; il-ħolqien tax-xogħol, it-twaqqif tal-emigrazzjoni.
Mezz speċjali ta' għajnuna f'dan il-proċess ikun li jippromovi negozjar onest f'kull għamla. Tant qed jgħaħmel ħsara dan id-difett f'dan id-dipartiment li naħseb titjib ta' għaxra fil-mija fl-onestà qalb in-nies mhux biżżejjed biex timla l-vojt li jifred it-titjib tad-dinja minn dik il-kumdità modesta.

## X'inhu l-Patrijottiżmu Veru?

Jekk dan hu twettiq tad-dover lejn il-Knisja u lejn il-proxxmu, hekk ukoll dan jista' jitqies bħala patrijottiżmu. Din il-kelma tfissirilna territorju xejn magħruf, xejn ippjanat, għaliex x'inhu patrijottiżmu veru? Ma jeżistix mudell tiegħu fid-dinja. Nġibu viċin tiegħu b'dik l-għamla ta' sagrifiċċju u devozzjoni li wieħed jagħmel minn rajh li naraw fi gwerra. Iżda dan ikun imqanqal iktar minn mibegħda milli minn imħabba u fil-fatt ikun irid iwassal għall-qerda. Għalhekk huwa importanti li jiġi pprovdut mudell korrett kemm jista' jkun.

Dan huwa neċessarju doppjament meta tqis kif l-Istat modern għandu tendenza li jkabbar il-funzjonijiet tiegħu. Imqanqal normalment bl-aħjar intenzjonijiet, ifittex kif jimmanipola moħħ in-nies. Iqarreb iżjed u iżjed li jaħseb għal kull wieħed, jippjanalu ħajtu, bid-dettal kollu. Bil-mod il-mod, qed jieħu għalih nnifsu d-drittijiet li l-Kristjaneżmu dejjem qies bħala li huma tal-individwu.

Dan jista' jwassal ghal tirannija pura. L-idea moderna tatribwixxi lill-'istat' kwazi-omnipotenza. Il-gvernijiet onestament jimmaniggaw li jgawdu setgha bla limiti fuq ic-cittadini. Din tista' twassal ghal pożizzjoni intolerabbli anke jekk tithaddem fuq linji ta' demokrazija vera. Izda hafna drabi huwa l-każ ta' dittatorjat ta' ftit persuni.

Dan ghandu l-kulur kollu ta' theddida kif spjegata fil-ktieb "1984" fejn *Big Brother* jittawwal x'qed jigri f'kull kamra b'apparat televiżiv u josserva x'qed isir fl-erbgha u ghoxrin siegha tal-gurnata. Lejn din il-pożizzjoni kerha qeghda tiżżerżaq gmielha l-idea tal-Istat. Iżjed u iżjed qed jidhol f'dan l-iskop. Possibbilment dan jista' jwassal li jipprovdi ghal kull bżonn materjali. Iżda jekk issir analiżi, dan it-titjib jidher li ghandu l-periklu tieghu bhal dak l-iskjavitù komdu, li ma jinhassx. U ma jistax jigi evitat illi dan l-iżvilup sa jigi f'konflitt mal-Knisja Kattolika li fl-ahhar mill-ahhar ikollha tinsisti ghal dawk id-drittijiet tal-individwu, meta hemm dak it-twemmin li Alla kien ta dawn id-drittijiet. "*Min dik l-istituzjoni bżonjuża li kien, l-Istat Nazzjonali sar theddida ghac-civiltà li issa, bla ebda dubju hekk sar.*" Dan il-kliem mhux tieghi iżda ta' Toynbee's.

Din it-tendenza tal-Istat li jiehu kollox taht idejh gejja l-aktar mill-passività tac-cittadini. Meta ma gewx mghallma dak is-sens ta' responsabbiltà f'dak li ghandu x'jaqsam man-nuqqasijiet madwarhom, u ma jaghmlu xejn biex jirrangawhom. Ghalhekk l-Istat jigi mgieghel biex jindahal fejn ikun hemm hażen ikbar. Ic-cittadin jghib fi programm go kompjuter li jiddeciedi x'ghandu jsir minnu.

Jekk il-poplu jigi muri sens ta' responsabbiltà sewwa, hafna minn dan seta' kien evitat u r-riżultat kien ikun komunitajiet b'sahhithom. Hafna mill-problemi gravi gejjin minn qaghdiet hziena ta' xi tip, li jcedu ghal dawk il-principji gejjin minn ghajnuna moghtija lilek innifsek u minn imgiba Nisranija. Ghalhekk m'hemmx bżonn li l-individwu jcedi d-drittijiet tieghu lill-istat biex ikompli jghix.

Iżda din hija verità li trid tintwera fil-prattika. Din hija tant ta' importanza li Alla lest jghin jekk ahna naghmlu l-parti taghna. In-nuqqas ta' mudell f'dan il-każ partikulari jirriżulta b'mod diżastruż fin-nuqqas ta' idea ta' x'inhu patrijottiżmu. Fil-każ tat-titjir fl-ajru, per eżempju, it-teorija korretta kienet preżenti hafna qabel ma l-mudell prattiku sar. Il-nies kif jafu xi jfisser it-titjir. Kienu jaf il-ligijiet u kollox dwaru. Li kien ghad hemm nieqes kienet magna li tkun kapaci tgholli iktar toqol minnha nfisha. Fil-mument li l-magna giet ivvintata, il-problema tat-titjir issolviet; il-ligijiet u l-principji kienu lesti. Il-procedura tas-soltu hija li l-idea tigi qabel il-mudell jahdem, u mbaghd johrog il-mudell wara. Iżda huwa differenti fil-każ tal-patrijottizmu fejn la kien hemm l-idea proprja u lanqas il-mudell jahdem.

Allura, x'inhu l-patrijottiżmu? X'inhuma l-bażi, il-motivi, l-iskop? Dan il-grad ta' incertezza jiddikjarah li hu kwantità mhux maghrufa. Jiftiehem bhala;

Il-formula ta' żmien il-gwerra; jew

Hsieb sentimentali bla gheruq ragonevoli. Hekk jigi jidher bhala rivalità li

n-nies ta' sens ma jaccettawx; jew

Mezz kif tabbuża min-nies. It Tabib Sam Johnson iddefenixxa l-patrijottiżmu bhala l-ahhar refugju ta' vagabond.

Hemmhekk qieghda l-importanza estrema tal-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon**. Huwa l-mudell li jahdem fil-prattika li jghallimna t-teorija korretta tal-patrijottiżmu Nisrani u juri kif ghandu jigi applikat. Jekk jithalla jahdem, igib mieghu revoluzzjoni infinitament akbar minn dik li rriżultat bl-iskoperta tal-magna tal-fwar jew tal-energija elettrika jew ix-xjenza atomika, ghaliex tinsab fl-ordni morali superjuri. Cirkostanza li tghin hi li kulhadd qed iffittex din il-haga, anke jekk forsi b'mod imcajpar; hadd ma hu sodisfatt b'dawn l-ideajat komuni ta' nazzjonalità.

Minkejja d-difetti kollha taghha, l-Irlanda qieghda fl-ahjar pożizzjoni f'din il-haga, u dan minhabba l-Fidi taghha. Kieku nistghu ntejbu l-pożizzjoni taghna b'mezz denju u ovvju, inkunu qed nassiguraw li d-dinja jkollha lejn xiex thares, li tidher qed tharhar lejn il-mewt f'konvulżjonijiet terribli. Nistghu nikkwalifikaw bhala n-Nazzjon imsemmi fil-Manwal tal-Legjun ta' Marija li solva l-problemi tieghu u b'konsegwenza awtomatika, ihajjar nazzjonijiet ohra li jitghallmu minnu. Aktar minn hekk, u aktar importanti, ikun qed jinghata evidenza konvincenti dwar is-sahha tal-Kristjaneżmu, li illum hu żvalutat bhala superstizzjoni skaduta.

Hemm raguni ohra ghaliex il-Legjun ghandu jidhol f'din l-ghalqa gdida ta' **Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon**. Bidliet kbar se jitwettqu fl-appostolat. Certu aspetti minnha jidher li huma bbażati b'mod eccessiv fuq il-materjaliżmu u l-ekonomija. Hafna minn dawn jirrifjutaw kull programm li jipprova jirbah l-erwieh. Jekk f'certu postijiet jidhol il-Legjun minflok appostolat iehor, ikun mehtieg li jinbdew xoghlijiet li jkunu specjalizzaw fihom. Permezz tal-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon**, il-Legjun ikun permess li jatendi ghalihom permezz tal-qafas tieghu ta' mottivi u metodu.

Hemm imbaghad raguni ohra ghaliex ghandna nhaddmu b'mod rigorus il-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon**. Forsi minhabba d-dehra hajja tal-idea apostolika tal-Legjun li qed jiżdiedu madwarna socjetajiet godda u progetti umanitarji. Il-maggoranza taghhom m'ghandomx aspett religjuż fihom. Żid ma' dan l-isforzi godda tal-Komuniżmu. Mela jekk ma nidhlux minnufih f'din l-ghalqa, ser insibuha ga mehuda minn dawn l-agenziji. Din tkun haga serja ghax tkun qed tirrappreżenta pożizzjoni li jiddeplora l-Manwal tal-Legjun fejn ikunu waslu qabilna u ghaddewna. Ikun ifisser ukoll li certu xoghlijiet ikunu qed jithallew ghal mottivi purament umani. Sa fejn ser iwassalna dan?

**L-Ebda Idealiżmu Nazzjonali**

Iżda raguni ewlenija qieghda fil-bżonn tal-pajjiż li minnu beda dan il-progett – l-Irlanda. Nghiduha kif inhi, m'hemm xejn fil-pajjiż li jista' jigi kkunsidrat bhala idealiżmu nazzjonali. Hemm gharfien fqir dwar id-dover jew servizz

ghall-komunità. Ikun żball kbir li wiehed jahseb li l-problemi taghna huma fil-bicca l-kbira taghhom ekonomici. Fil-verità hemm hafna flus fl-idejn, mijiet ta' miljuni minnhom misselfa. Difficli ssib xoghol. Hemm hafna xorb u mgieba hażina. M'hemmx biżżejjed spirtu pubbliku. Hemm emigrazzjoni determinata iżda wkoll xi waqtiet bla bżonn. Hemm xoghlijiet ghal min irid jahdem u b'danakollu jkunu jridu jitilqu l-pajjiż. Il-patrijottiżmu ghandu juri lilu nnifsu bhala parti mid-doveri lejn l-pajjiż, ghall-inqas ikun hemm dik il-volontà li tibqa' fih. Iżda din l-evidenza ma tidhirx. Certi aspetti juru anarkija, b'kulhadd jaghmel li jrid. Jidher li hemm marda li jekk tithalla bla kura toqtolna spiritwalment u anke nazzjonalment.

Grupp minnha ghadna gejjin minn mawra qasira li kienet tinvolvi li noqoghdu f'post differenti kull lejl. Ma nghidx li kien hemm x'jikkonslak religjożament. F'żewg postijiet sibna hdax-il persuna li filghodu marru jitqarbnu, sebgha minnhom kienu mill-grupp taghna. F'post iehor, fil-quddiesa tal-Hadd, is-sacerdot appella biex kulhadd jersaq ghat-tqarbin ghall-inqas darba fix-xahar u li n-nies ma ghandhomx minn xiex jisthu jekk jitilghu fuq l-artal ghat-tqarbin. Dan meta qeghdin fl-era tat-tqarbin kuljum!

Dan in-nuqqas jikkuntrasta bl-ikrah mal-grad Adjutorjan li l-Legjun qed jipproponi lin-nies jigifieri dik il-quddiesa ta' kuljum, it-Tqarbin Mqaddes, ir-Rużarju u dik ir-recita tal-Ufficcju. Bil-ghajnuna, dak il-program ghandu jitwettaq b'mod li jinfirex mal-Irlanda kollha.

F'dawk il-lokalitajiet wiehed ihoss illi l-hajja tar-religjon waslet fi tmiemha u mhix qed turi l-wicc veru tal-Kristjaneżmu. Jekk hemm xi jqajjem dawk il-komunitajiet, żgur li mhux gej mir-religjon. Dawn il-lokalitajiet lanqas ma huma kapaci jirreżistu xi attakk morali jew religjuż. B'danakollu huma kuntenti, xejn inkwiet fil-bidu tal-gurnata u b' hekk ikun hemm skop li jkun hemm Adjutorjani, Patrizji ecc. Il-Patrizji huma necessità pożittiva, huma mezz efficjenti ghat-taghlim religjuż lill-adulti. M'hemmx bżonn nghid li m'hemmx praesidia f'dawn il-postijiet.

Dan jinstema' ikrah. Iżda ahna 'l boghod milli nkunu l-unika vittmi ta' civiltà li ma tinftihemx. Il-pajjiżi l-ohra kollha qeghdin ibatu bhalna, jew iżjed minna. F'harga recenti, il-*London Times* ghamlet survey dwar il-kondizzjonijiet tal-kampanja Ingliża. Jidher li hemm telqa stagnata, nieqsa minn dik in-nota religjuża li ahna tal-lanqas ghandna. Birra, dik it-tombla fil-gimgha, u skuntentizza b'dak ta' madwar; dan jaghmel formula fina ghal deformazzjoni tal-materjal uman!

Ordni ahjar ma tigix wehidha. Irid ikun hemm forza biex tqawwiha. Iżda mhux kull forza hija tajba. Per eżempju cellula komunista tista tkun ta' influwenza qawwija. Din tkun wahda hażina iżda żgur icaqlaq l-affarijiet b'diversi modi. Din iggib kull ghamla ta' tqanqil: pjanijiet ghal riforma, skemi biex tittiehed propjetà minghand is-sinjur, weghdi biex tinghata xi haga lil kulhadd. U x'imkien fl-istampa ssib li l-poplu qed jinfatam minn dak l-ghadu tal-progress,

ir-religjon!

Dik it-tqanqila, dik l-animazzjoni, trid issir. Iżda trid issir fuq linji korretti, jigifieri, bi skopijiet Insara gejjin u minn mottivi Nsara. Il-formula tieghi ghal dak il-principju kollu fervur, mhux eżatt xi mistoqsija tant kumplessa u difficli ghax intom ilkoll tafu t-twegiba. Hi Praesidium imhaddem tajjeb. Ma rridx nghid li l-Legjun huwa l-uniku principju li jqanqal. Imma hu l-uniku principju fuq skala kbira, rikonoxxut li jwassal il-mottiv religjuż ghall-konklużjoni logika u shiha tieghu. Ma jibbażax l-appostolat tieghu fuq appell vag ghall-umaniżmu Nisrani, li jista' ma jfisser xejn. Anke dawk li ma jemmnux ghandhom dik il-kelma Nisrani fuq fommhom. Il-Legjun ghandu bhala qawwa li tmexxih, id-duttrina tal-Gisem Mistiku, bid-dettalji kollha, li jigbor fih, naturalment, lill-Madonna. Din id-duttrina tobbligana nahsbu f'kull persuna f'kull post u f'kull aspett tal-hajja, dik ekonomika, ta' rikreazzjoni u ta' żvilupp f'kull sens.

Generalment in-nuqqas ta' qaghad jigi kkunsidrat bhala sinjal ta' prosperità, fejn in-nies ma jkunux imhassba dwar l-iżvilup. Dik id-dehra prospera hija fittizja ghaliex dawk il-postijiet qeghdin jipprovdu ghal uliedhom sempliciment billi jemigrawhom. Ir-riżultat huwa l-oppost ghal dik li hi prosperità. Ghaliex komunità, bhal familja, ghandha normalment tipprovdi ghall-uliedha.

Dan jista' jsir bi żvilupp kontinwu tal-industrija fil-forom kollha taghha.

Dan kollu m'ghandux iwassal ghal egoiżmu lokali. Irid ikun iktar wiesa'. Nies li qed isolvu l-problemi taghhom f'post żghir fil-kampanja, jridu fl-istess hin jahsbu fil-pajjiż kollu. Iżjed minn hekk, ghandu jkun hemm internazzjonaliżmu qaddis. Hawn nindika dawk il-movimenti li l-Legjun holoq. Dawn bdew f'post partikulari imma hsieb essenzali kien: kif sa napplikawh ghad-dinja kollha? Bhalissa qeghdin taraw kif dan l-istint legjunarju qed jahdem fil-*Peregrinatio Pro Christo* u l-*Viatores Christi**. Ghall-*Peregrinatio* fil-preżent (1970) mal-2000 legjunarju Irlandiż jaghtu l-vaganzi u u l-flus tal-vaganzi taghom kull sena biex imorru ghal progetti ta' missjoni fl-Ingilterra. U digà dan il-moviment qabad sewwa f'pajjiżi mbieghda bhall-Haiti, il-Veneżuela, l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Filippini u dalwaqt jinfirex f'pajjiżi ohra.

Mal-*Viatores Christi** mal-mitejn Irlandiż digà marru jahdmu f'pajjiżi tal-missjoni. Bl-istess mod, il-progress tal-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon** jista' jkun ta' beneficcju ghad-dinja.

Hemm ghalfejn nuru li din il-hidma, mwettqa mal-pajjiż kollu, twassal ghall-patrijottiżmu Nisrani? Din l-imhabba Nisranija necessarjament ghandha tkun l-ewwel net ikkoncentrata fuq in-nies li niltaqghu maghhom, iżda trid tipprova tilhaq lil kulhadd. Jekk il-patrijottiżmu hu bażikament religjon allura l-Legjun hu aktarx l-ahjar organizzazzjoni biex twettqu billi jghaqqad iż-żewg

ideat.

*Viatores Christi* kien parti mis-sistem Legjonarja ta' dak iż-żmien.

**Eżempju tal-Komuniżmu**

Hemm ukoll konsiderazzjoni psikologika primarja li trid iżżomm f'mohhok. Il-bniedem mhux maghmul li jkun wahdu. L-individwu jahseb li wahdu ma jista' jaghmel xejn. Ghalhekk hemm bżonn li jkun hemm x'jghinu biex jaghmel sal-anqas haga. Dan il-hsieb difettuż ikun fl-aqwa tieghu fl-ordni morali. Iżda li ssib min jghin jaghmel id-differenza kollha. Meta hemm ftit jahdmu flimkien jaghmlu kuragg lil xulxin biex jirnexxu. Bhala eżempju nerga' niehu l-każ tal-Komuniżmu. Numru ta' żghir ta' nies kapaci jiehdu pussess u kontroll ta' nazzjon shih. Jirnexxilhom jaghmlu dan billi jinghaqdu flimkien f'ghaqda stretta b'ghan wiehed komuni u imbaghad billi jehduha kontra ghaqda ohra barra minnhom. Hekk jirnexxilhom jifirdu l-poplu f'iżolazzjoni individwali b'konsegwenza li jhossuhom ma jistghu jaghmlu xejn. Il-mekkaniżmu biex jilhqu dan hu l-biża' u kulhadd jispjuna lil kulhadd. Hadd m'ghandu vera rabta mal-ohrajn, u hekk m'hemmx li wiehed jistrieh fuq haddiehor, bil-biża' anke li jesprimi fehimtu ma' xi hadd.

Hekk mahduma l-bicca, il-ftit organizzati tajjeb jistghu jaghmlu li jridu. Dan ghaliex jaghrfu sew fil-Legjun principju kuntrarju li l-Komuniżmu jibża' mill-Legjun. Il-Legjun jahdem ghar-religjon mhux kontriha, ghall-ghaqda mhux ghall-firda, juri l-ispirtu tal-martri mhux icedi bid-dghufija. Verament li l-Legjun ma jistax jaghmel użu mill-mekkaniżmu Komunista ta' segretezza, spjunagg u biża', imma l-imhabba u l-grazzja jghaddu dawn il-hwejjeg. Jekk numru biżżejjed ikunu lesti jasserixxu ruhhom, ikun impossibli li tikkontrolla poplu shih bhal merhla naghag.

Kif japplika dan f'komunità Nisranija? Naghtu l-każ li grupp żghir ta' Komunisti jkunu qed jahdmu hemm. M'ghandhomx is-sahha jaghmlu li jridu b'mod dirett. F'dawk ic-cirkostanzi jkollhom jahbu l-iskop veru taghhom. Joperaw b'efficjenza kbira billi joholqu arja ta' indifferenza, pressjoni minn taht, twaqqih ghac-cajt ta' kull idealiżmu, bhall-patrijottiżmu li jitpinga bhala sentiment dejjaq li ghadda żmienu; ir-religjon bhala superstizzjoni li x-xjenza gabet fix-xejn; u nibqghu sejrin.

Ir-religjon tigi kompletament fuq id-difiża f'dawk il-postijiet bhal dawk li semmejna fejn la hemm Praesidium, lanqas Patrizi, u fejn in-nies jisthu li jarawhom jitqarbnu. Żgur li hemm xi attività hażina hemm. Ma nghidx li l-Komuniżmu qieghed fil-qiegh ta' dawk il-bixriet ta' hsara. Hemm agenti ohra. **Hija kwistjoni ta' hajja jew mewt li norganizzaw fuq linji proprji. Il-Praesidium huwa l-istimulant perfett. Igib flimkien persuni fuq bażi li bejn wiehed u**

**iehor iwarrab dawk l-elementi li ma jghoddux, jigifieri, igibhom jitolbu u jaghmlu xoghol li ma jintghogobx. Imbaghad jedukahom fil-filosofija Nisranija, kemm dottrinali kif ukoll fil-prattika. Malajr jibdew jifhmu lil xulxin u dan ikun ifisser il-bidu ta' azzjoni.**

Jifhmu wkoll li l-ideat taghhom huma komuni ma' hafna ohrajn fil-komunità. F'dan is-sens ta' ghaqda tinstab is-sahha. Jekk il-Praesidium jahdem b'lealtà skont il-principji tieghu jista' jwettaq il-gid. Ahjar minn hekk, jista' jwassal li t-tajjeb jirbah il-ħażin.

Żgur li hemm forza morali fil-Legjun li jaghmlu effettiv meta jaghmilha ma' brigati indifferenti, materjalisti u intelletwali foloz. Ikun ta' min jisma' l-ideat tieghu u jwassal l-spiritwalità u ideali tieghu minghajr biża' jew rispett uman. Ahna ma nsibux legjunarji jisthu jitilghu ghat-tqarbin! Iżda nirrepeti li minghajr il-Praesidium dawk l-istess ideat ta' siwi u essenżjali jinhbew b'dik l-apatija, it-twaqqigh ghac-cajt u l-materjaliżmu li jwasslu l-Kattoliku medjokri biex jidbiel. Ma hemm ghalfejn nghidu, il-Praesidium ghandu jinghata c-cans bl'ghajnuna tat-tmexxija u inkoraggiment.

Nahseb li l-post minghajr xi forma ta' organizzazzjoni bhalma hu l-Legjun, ikun fil-periklu. Ghaliex m'hemmx dubju illi l-aspetti materjalisti u hziena qeghdin jirbhu. Jekk il-Legjun kellu jigi eliminat f'daqqa, nemmen li l-effett fuq l-Irlanda jkun bhal meta jinkisru l-hitan ta' lqugh li jipprotegu dawk il-lokalitajiet fil-baxx, jigifieri dulluvju. Fit-tieni post, jiena nemmen li x-xoghol tajjeb tal-Legjun iwassal biex it-tajjeb jirbah u jgib l-ordni Nisranija.

Dawn huma l-principji tal-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon** u fil-Praesidium jinsab il-makkinarju biex dawn ikunu mhaddma. Inhoss li ghandhom jahdmu ghaliex huma bbażati fuq il-grazzja u l-imhabba t'Alla. Dawk l-isforzi semplici jkunu effettivi fejn l-istat u s-sahha governattiva ma jistghu jaghmlu xejn.

**Niehdu Eżempju**

Bhala xhieda mill-aqwa ta' x'jista' jsir bi skema bilancjata tal-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon**, se nsemmi każ li gara fl-Irlanda, fejn ic-cirkostanzi ta' distrett shih, tnejn u ghoxrin mil twil, tant kienu fi stat tal-biki, li bir-ragun stajt tghid li ma kienx hemm tama. Mis-seklu ta' qabel, tilef disgha minn ghaxra tal-popolazzjoni u l-mewga tal-emigrazzjoni baqghet sejra. Ma kien hemm l-ebda żwieg fil-hames snin ta' qabel, u twieldu biss żewg trabi. B'popolazzjoni dejjem tixjieh kien jidher li ma jdumx ma jispicca. Kien hemm kull element ta' falliment; nuqqas ta' ghajnuna lilhom infushom; inkwiet fil-familji tant mifrux li lanqas sports ma kien hemm; skejjel b'ordni li jaghlqu. Tant qtugh il-qalb li l-atmosfera stess kienet taqtaghlek qalbek, thallik bla energija u kull intenzjoni tajba.

Il-Kappillan qataghha li jrid ikun miraklu biex iqajjem il-lokal, iżda żied jghid: "Jien nemmen fil-mirakli." Fuq il-fidi tieghu, Il-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon**, beda jigi mhaddem f'kondizzjonijiet li kienu ta' prova kbira ghalih.

Dak li gara fil-hames snin ta' wara jibqa' maghruf bhala storja ta' restawr f'kull aspett. Ma rridx nghid mirakoluża ghax nahseb li ghalkemm tal-ghageb, hi verament fl-ordni komuni, tistenna biss li tohrog bi procedura kif imiss. Mhix ix-xewqa t'Alla li komunitajiet jispiccaw jew jaqghu fil-miżerja. Jeżisti mudell li jaqdi l-bżonnijiet ta' kulhadd li jridu jinqdew bih: la hafna żejjed u lanqas ftit wisq, bhalma titlob il-Liturgija. Alla ghandu hniena ghall-kottra u jrid isalvaha. Imma jinhtieg il-koperazzjoni min-naha tal-bniedem: hekk hi l-ligi u hu jinsisti fuqha.

Meta wiehed jghin lilu nnifsu, imqanqal mill-fidi, jistghu jsiru ghegubijiet fit-tigdid tieghu. Dan il-process m'ghandux ghalfejn ikun bil-mod; jista' jkun mghaggel kif kien f'dan it-territorju. F'hames snin spirtu gdid iddikjara lilu nnifsu. Il-lokal pogga lilu nnifsu fuq il-mappa turistika. Bdew jitkabbru l-hxejjex bikrin bi profitt. Twaqqfet l-industrija tal-hjata bil-labar. Kollox beda juri titjib. Il-qawmien beda jidher f'kull aspett tal-hajja, fl-ispiritwal, f'dak ekonomiku, fiż-żwigijiet, fil-kultura. M'hemmx dubju li dan sa jibqa' u jsir ahjar, sakemm jinżamm dan il-hsieb pożittiv.

Probabbli li dan il-qawmien (mhux bilfors tal-istess ghamla, lanqas tal-istess grad) jista' jitwettaq kullimkien bl-istess metodu. Jidher li jista' jigi varat f'kull lokalità fl-istess hin. Imbaghad ma jkunx hemm il-preżunzjoni li kull pajjiż jista' jsir ekonomikament b'sahhtu fi ftit snin? U jkun każ ta' sahha vera, ghaliex il-konsiderazzjoni spiritwali u morali tkun prominenti.

**It-Turiżmu**

Meta nigu ghall-ghażla ta' skemi, jien m'iniex cert imma ghalina, il-qalba ta' kollox hu t-turiżmu. Xi whud kellhom opinjoni differenti u hasbu li hi l-art, fl-użu ta' dak li tatna n-natura. Ghalhekk jien nghid li m'ghandniex nistmaw wahda inqas mill-ohra jew inhallu barra wahda minnhom.

Ovvjament irridu nahsbu f'kulma jista' jkun possibbiltà; m'ghandux ghalfejn ikun hemm antagoniżmu bejn il-possibbiltajiet. It-turiżmu jilhaq l-oghla skopijiet fejn l-art mhix tajba ghall-agrikoltura. Isir sod tant li johloq industriji ohra.

Tkun ix-xewqa taghna li mhux biss nghinu lil pajjiżna ekonomikament iżda biex nuruh f'dawl vantaggjuż. Dan ix-xoghol tal-ahhar ghandu jigbor fih mill-indafa sa li naghmlu l-aktar mix-xenarju li ghandna, kif ukoll li nuru d-drawwiet, l-istorja u r-religjon taghna. Fuq il-livell ekonomiku, it-turiżmu ghandu valur partikulari ghall-Irlanda. Hafna pajjiżi jkollhom jimpurtaw l-ikel li jridu joffru lit-turist. Ghall-Irlanda jkun ifisser tiffrankar l-flus tal-esportazzjoni tal-prodotti, fejn xi drabi anke jkun hemm telf.

Iżda innotaw: l-akkomodazzjoni hi l-ewwel bżonn, il-veduti jiehdu t-tieni post. Ghalhekk ghandu jsir sforz biex ihajjar sidien tad-djar jiehdu hsieb dak it-turist jew tnejn. Fl-Iskozja dan hu żviluppat sew. Wiehed jintlaqat minn kemm tara spiss is-sinjal 'Bed and Breakfast'. Huwa essenzjali li l-akkomodazzjoni tkun ta' livell. Aspett iehor huwa li jekk in-nies jigu mhajra li

jżommu t-turisti, dan jgeghelhom jirrangaw djarhom u jghollu l-istandards taghhom. Barra dan ghandhom ikunu mhegga jaghmlu dak li s'issa ma jaghmlux: li jkellmu lil dawn it-turisti fuq ir-religjon. It-turist huwa anzjuż li jisma' fuq hekk u jaghti karattru lill-vaganza tieghu, iżda dan mhux jinghatalhom minhabba delikatezza żbaljata, li ma jmurx nindahlu fit-twemmin li jkollhom. L-ammont ta' apprezzament li juru l-viżitaturi barranin ghall-impenn li wiehed jiehu biex jispjegalhom hwejjeg bhal dawn, immisslek qalbek. Issebbhilhom il-vaganza taghhom. Jitilqu u jmorru jitkellmu dwar kemm ikunu tghallmu. Bhallikieku morna l-Indja u xi hadd jiehu l-inkarigu li jdawwarna t-tempji Buddisti u jispjegalna dwarhom. Iżda jkun hemm differenza bejn iż-żewg każi, ghax Alla jaf jahtaf l-okkażjoni mill-kuntatt fid-dar biex iwassal il-fidi lit-turist.

**Konklużjoni**

Din hi l-konkluzzjoni tieghi. Ghandna bicca xoghol enormi quddiemna, bicca xoghol li tiżboq l-ikbar sforz uman u tista' ssir biss jekk l-Ispirtu s-Santu jkun maghna. Imma ejjew nidhlulha. Il-Legjun digà ntuża bhala l-mezz ta' grazzji kbar. Forsi dan ikun mezz iehor minhabba n-necessità taghha, billi jidher li jirrapreżenta l-konklużjoni logika tad-duttrina tal-Gisem Mistiku ta' Kristu.

Issa se naghtikom paragrafu mill-ahhar verżjoni (1970) tal-Manwal tal-Legjun, liema parti titkellem fuq il-**Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon**. "Il-Legjun ghandu motiv konvincenti ghas-servizz tal-komunità. Dan hu li Gesù u Marija kienu cittadini ta' Nazaret. Kienu jhobbu dik il-belt u pajjiżhom b'devozzjoni religjuża ghax ghal-Lhud, il-fidi u l-imhabba lejn l-art ta' missirijiethom huma divinament minsuga f'haga wahda. Gesù u Marija ghexu l-hajja komuni tal-lokalità taghhom b'perfezzjoni.

Kull persuna u kull haga li kien hemm kienet ta' interess profond ghalihom. Ma tistax timmaginahom li kienu indifferenti jew ma jimpurtahomx minn kull aspett. Illum id-dinja kollha hija pajjiżhom u kull post huwa Nazaret taghhom. F'komunità ta' imghammdin, kienu iktar marbuta man-nies milli kienu ma' nieshom fid-demm. Iżda l-imhabba taghhom trid issa tigi minn dak il-Gisem Mistiku. Jekk l-imsiehba jittrawmu f'dan l-ispirtu li jservu l-lokalità fejn jghixu, Gesù u Marija jidhlu f'dak il-post u jxerrdu l-influwenza ta' gid taghhom mhux biss fuq l-erwieh iżda fuq l-ambjent ukoll. Ikun hemm titjib

materjali, il-problemi jickienu: l-ebda titjib ma jkun akkwistat minn sorsi ohra. Huwa dan is-servizz spiritwalizzat lill-komunità li l-Legjun qed jipproponi taht it-titlu: **“Il-Vera Devozzjoni Lejn in-Nazzjon.”**


14